32001D0254

31.3.2001 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 91/85

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 Marzu 2001

li temenda d-Deċiżjoni 94/324/KE li tistipula kundizzjonijet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw mill-Indoneżja

(notifikata bid-dokument numru C (2000) 748)

(Test b'rilevanza għall-ŻEE)

(2001/254/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 Lulju 1991 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni w it-tpoġġija fuq is-suq ta' prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/324/KE tad-19 Mejju 1994 li tistipula kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw mill-Indoneżja [3], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 97/401/KE [4], jgħid illi l-Ministeru ta' l-Agrikoltura, Direttorat-Ġenerali tas-Sajd (Laboratorju Provinċjali għall-Ispezzjoni tal-Ħut u Kontroll tal-Kwalità) għandu jkun l-awtorità kompetenti fl-Indoneżja li tivverifika w tiċċertifika l-konformità ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

(2) Wara ristrutturar ta' l-amministrazzjoni Indoneżjana, l-awtorità kompetenti għal ċertifikati tas-saħħa għal prodotti tas-sajd tbiddlet għad-Direttorat-Ġenerali tas-Sajd (DĠS) tal-Ministeru ta' l-Affarijiet tal-Baħar u Sajd. Din l-awtorità ġdida għandha l-kapaċità li b'mod effettiv tivverifika l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ. Huwa għalhekk neċessarju li tiġi modifikata n-nomina ta' l-awtorità kompetenti msemmija fid-Deċiżjoni 94/324/KE u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa inkluż fl-Anness A ta' din id-Deċiżjoni.

(3) Huwa konvenjenti li tiġi armonizzata d-diċitura tad-Deċiżjoni 94/324/KE mad-diċitura ta' Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni addottati aktar riċenti, li jistipulaw kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw f'ċerti pajjiżi terzi.

(4) Il-miżuri li hemm provdut dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 94/324/KEE għandha tiġi modifikata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 għandu jiġi sostitwit bis-segwenti:

   "L-Artikolu 1

   Id-Direttorat-Ġenerali tas-Sajd (DĠS) tal-Ministeru ta' l-Affarijiet tal-Baħar u Sajd għandu jkun l-awtorità kompetenti fl-Indoneżja sabiex tivverifika w tiċċertifika l-konformità ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 91/493/KEE."

2. L-Artikolu 2 għandu jiġi sostitwit bis-segwenti:

   "L-Artikolu 2

   Prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw fl-Indoneżja għandhom jissodisfaw is-segwenti kundizzjonijiet:

   1. kull konsenja għandha tkun akkompanjata b'ċertifikat ta' saħħa oriġinali enumerat, korrettement mimli, ffirmat, datat u lil jkun jikkonsisti f'karta waħda skond il-mudell fl-Anness A ma' hawn;

   2. il-prodotti jridu jiġu minn stabbilimenti approvati, bastimenti fabbriki, imħażen tal-friża jew bastimenti reġistrati tal-friża elenkati fl-Anness B ma' hawn;

   3. ħlief fil-każ ta' prodotti tas-sajd iffriżati fi kwantitajiet kbar u maħsuba għall-manifattura ta' l-ikel priservat, il-pakketti kollha għandu jkollhom fuqhom il-kliem 'INDONEŻJA' u n-numru ta' l-approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħżen tal-friża jew bastiment tal-friża ta' oriġini b'ittri li ma jitħassrux."

3. L-Artikolu 3(2) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "2. Iċ-Ċertifikati għandu jkollhom fuqhom l-isem, kapaċità u firma tar-rappreżentant tad-DĠS u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar b'kulur differenti minn dak ta' ċertifikar ieħor."

4. L-Anness A għandu jiġi mibdul bl-hawn l-Anness.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
[3] ĠU L 145, ta' l-10.6.1994, p. 23.
[4] ĠU L 166, tal-25.6.1997, p. 14.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidhol fis-seħħ 45 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, il-21 Marzu 2001.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

'L-ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SA~~ĦĦ~~A

għal prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw mill-Indonesja u maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea

Nru ta' Riferenza: .....

Pajjiż minn fejn intbagħat: **L-INDONEŻJA**

Awtorità kompetenti: Direttorat Ġenerali tas-Sajd (DĠS) tal-Ministeru ta' l-Affarijiet tal-Baħar u Sajd

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd/akwakultura [1]: .....

— speċi (isem xjentifiku): .....

— preżentazzjoni tal-prodott u tip ta' trattament [2]: .....

— Kodiċi Nru (fejn huwa magħruf): .....

— Tip ta' ippakkjar: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Piż nett: .....

— Temperatura meħtieġa għall-ħżin u t-trasport: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem(ismijiet) u Nru(i) ta' l-approvazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment(i), bastiment(i) fabbrika, jew maħżen (imħażen) tal-friża approvati jew bastiment(i) tal-friża reġistrat(i) mid-DĠS għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea: .....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-Prodotti**

Il-prodotti qed jintbagħtu:

minn: .....
(post minn fejn intbagħtu)

lejn: .....
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

bis-segwenti mezz ta' trasport: .....

.....

Isem u ndirizz ta' min qed jibgħat: .....

.....

Isem ta' min qed jikkonsenja u ndirizz fil-post ta' destinazzjoni: .....

.....

[1] Ħassar fejn ma japplikax.
[2] Ħajjin, imkessħa, ffriżati, mmellħa, affumikati, preservati, eċċ.

IV. **Ċertifikat tas-saħħa**

— L-ispettur uffiċjali b'dana qed jiċċertifika illi l-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura speċifikati hawn fuq:

1) inqabdu u ġew trattati abbord bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa stipulati bid-Direttiva 92/48/EEC;

2) tniżżlu l-art, ġew trattati u fejn kien xieraq ġew ippakkjati, preparati, proċessati, friżati, inhallu u ġew maħżuna iġjenikament f'konformità mal-ħtiġijiet stipulati fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

3) ghaddew minn kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

4) huma ppakkjati, mmarkati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

5) m'humiex ġejjin minn speċi tossiċi jew speċi li fihom bijotossiċi;

6) ghaddew b'mod sodisfaċenti mill-verifiki organolettiċi, parasitoloġiċi, kemikali u mikrobioloġiċi stipulati għal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u fid-deċiżjonijiet li jimplimentaw ta' l-istess.

— L-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat b'dan qed jiddikjara li huwa jaf bid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE u 92/48/KEE u Deċiżjoni 94/324/KE.

Maghmul fi ....., fi .....
(Post) (Data)

timbru uffiċjali (3)

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali (3)

.....
(Isem b'ittri kbar, kapaċita u kwalifiki tal-persuna li qed tiffirma)

(3) Il-kulur tat-timbru u l-firma ghandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-ohra fiċ-ċertifikat.